***Skulturi Maltin u l-Istatwi tagħhom fil-knisja kolleġġjata u parrokkjali ta' Bormla (4 parti)***

# *VINCENZO BONNICI (1821-1865)*
## *Skultur Senglean*

*Minn Joseph R. Gatt*



Fl-aħħar tliet ħarġiet ta' dan il-ktejjeb – 'Leħen il-Banda San Ġorġ – Bormla (1995-1997)' – ġà tkellimt dwar tliet skulturi li naqqxu statwi għall-knisja tagħna. Dawn kienu (1) Mariano Gerada, (2) Pietro Paolo Azzopardi u (3) Salvatore Psaila.

Skultur ieħor li wkoll ħadem għall-knisja ta' Bormla u li ser nitkellmu dwaru din id-darba hu Vincenzo Bonnici. B'xorti ħażina marad ta' età żgħira u miet ta' 44 sena meta kien wasal fil-quċċata tal-karriera tiegħu.

### Min kien?

Mir-Reġistru tal-Magħmudijiet fil-parroċċa ta' l-Isla nafu li Vincenzo Bonnici twieled fl-Isla nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu 1821, miż-żwieġ ta' Gioacchino Bonnici ma' Eufemia (Gabrieli). Għamduh fil-knisja parrokkjali ta' l-istess belt. Fil-fonti tawh l-ismijiet ta' Lorenzo, Giuseppe, Gioacchino, Vincenzo u Fortunato. Minn fost dawn l-ismijiet il-ġenituri tiegħu għażlu jsejħulu b'dak ta' Vincenzo. Din ma kinetx l-ewwel darba, li l-ewwel isem li jidher fir-reġistrazzjoni ta' twelid jew magħmudija ma jkunx l-istess isem li bih tkun magħrufa t-tarbija. Dak in-nhar żgur li ħadd ma basar li Vincenzo, aktar 'il quddiem kellu jkun skultur tajjeb.

Vincenzo Bonnici żżewweġ lil Anna Le Brun u waqqaf il-familja tiegħu fl-Isla stess fi Triq il-Vitorja, fid-dar li dak iż-żmien kienet iġġib in-numru 165. Fl-Isla wkoll kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu. Minn fost uliedu, Aristede ħa s-sengħa ta' missieru u bħalu miet ta' età żgħira.

### X'qalulna dwaru

Dwar dan l-iskultur, bħal ħafna oħra ta' żmienu, ftit li xejn għandna tagħrif

għajr xi kitbiet qosra. Il-Professur Nicola Zammit (1815-1899) u Achielle Ferris (1838-1907) fakkruh fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu. L-istoriku Bormliż, Pietro Paolo Castagna (1827-1907) fil-ktieb tiegħu 'Lis Storia ta Malta bil Gzejjer Tahha' mitbugħ it-tieni darba fl-1888, jgħid li Bonnici kien skultur mill-Isla, isemmi xi wħud mix-xogħlijiet tiegħu, meta tlestew u fejn jinsabu, bla ma jsemmilna xejn dwar il-karriera tiegħu. Hija ħasra li nafu ftit wisq dwar dan l-iskultur ta' ħila li seta' tana aktar xogħlijiet oħra li kieku ma mietx f'qasir il-għomor.

Nicola Zammit jgħidilna li l-arti kienet fih b'don naturali u li ma studja ma ebda mgħallem ta' żmienu. Ma speċjalizza f'ebda akkademja ta' l-arti, imma dak li kien jaf kien kapaċi jagħtih lil ħaddieħor. Zammit jgħid ukoll li Bonnici għażel li jonqox fl-injam li għalkemm l-injam kien dejjem diffiċli biex jinħadem ma' tilef xejn mill-qawwa ta' l-immaġinazzjoni tiegħu biex jesprimiha f'din il-materja. Anzi l-istatwi li naqqax kienu frott sabiħ tal-kunċett tiegħu.

Il-figuri mitoloġiċi li ħadem kienu jsaħħru lil min kien iħares lejhom. Il-ftit xbiha reliġjużi li naqqax juru l-espressjoni tal-kobor tal-fidi nisranija tiegħu għalkemm ħadem aktar xogħol profan milli reliġjuż. Ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu biss fl-Isla, fil-Birgu u f'Bormla.

P. P. Castagna jgħid li mal-bosta disinji u mudelli oħra li għamel, ħadem madwar 150 pulena għal diversi bastimenti ta' l-injam li kienu jinbnew fit-Tarzna Merkantili tal-Maltin li kienet wara l-Isla, iżda ma nafux x'kienu jiffiguraw u x'sar minnhom.

Minn kitba oħra ta' N. Zammit nafu li Bonnici għamel diversi xogħlijiet ta' skultura għall-bastiment "Malta" li bena Gregorio Mirabitur fit-tarzna tiegħu kkommissjonat min-negozjant Antonio Galea. Il-"Malta" kien l-akbar u l-isbaħ bastiment li qatt qabel kien




L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li tinsab fil-knisja tal-Lunzjata tal-Belt, Vittoriosa.

inbena f'Malta. Kien twil 217x37x24 pied, bi tliet arbli tal-qlugħ u 1108 tunellata. Kien varat fl-1864. Kemm il-kostruttur Mirabitur kif ukoll Bonnici ġew imfaħħra ħafna għax-xogħol ta' ħila u ġmiel li wettqu.

Fl-1863 Bonnici talab lill-Qorti tal-Kummerċ tikkundanna lin-neguzjant Em. Scicluna u lil aħwa Em. u Dan. German, rappreżentanti tad-Ditta Lorenzo German e Figli, u jħallsuh £20 ta' pulena li kien ħadem għal bastiment għall-aħwa German u li kien inbiegħ. Il-Maġistrat Salv. Naudi ma kienx laqa' t-talba b'sentenza tat-30 ta' Ġunju 1864. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat din is-sentenza fit-13 ta' Marzu 1865.

F'Jannar 1859 Vincenzo Bonnici kien maħtur "Master of Lineal Drawing" fl-Iskola Primarja ta' l-Isla, b'salarju ta' £25 fis-sena; wara żdied għal £30. Huwa baqa' f'din il-kariga sa ma miet fl-1865. Floku kien inħatar il-pittur Giuseppe Calleja (1825-1915) b'effett mill-1 ta' Settembru 1865.

### X'ħadem għall-Isla

L-ewwel vara li naqqax fl-injam li nafu biha, tirrappreżenta l-Madonna tal-Penitenza. Din lestiha fl-1840 għall-knisja ta' San Ġiljan, Isla. Ftit wara għamel vara oħra tal-Madonna tad-Duttrina (1841c) għall-Isla wkoll u ħadimha taħt id-direzzjoni tal-pittur Senglean Tommaso Madiona (1803-1864). Maż-żmien din sarilha xi tibdil minn ibnu Aristide (1856-1888) u ġiet tirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu. Għall-Isla wkoll ħadem u ndura l-gwarniċ tal-Kwadru Titulari tal-Bambina (1851) li dak iż-żmien kien fuq l-altar tal-kor. Fuq disinn tiegħu nħadem fil-fidda ventaltar għall-altar maġġur (1864) qabel ma tneħħa biex saret it-tribuna fuq disinn ta' Andrea Vassallo fl-1921.

### Ħidmietu fil-Birgu

Statwa oħra li skolpixxa u li ħarġitlu tajjeb ħafna hi l-Madonna tar-Rużarju – statwa ta' valur artistiku kbir. Għandha kompozzizzjoni tajba b'ispirazzjoni kemm xejn stil Nazzaren. Din ħadimha għall-knisja tal-Lunzjata tal-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu. Lestiha fl-1864 u aktarx li hi l-aħħar xogħol tiegħu. Mill-kotba tal-Fratellanza tar-Rużarju ta' l-istess knisja nafu li f'Ġunju 1864 il-Fratellanza ħallsitu 480 skud.

Kien esebiha fil-Wirja Industrijali ta' l-1864 fil-Belt Valletta u għall-mertu kbir ta' xogħol li fiha Vincenzo Bonnici kien ingħata medalja tad-deheb bħala l-ewwel premju.

## Xogħlijietu f'Bormla


Il-vara tas-Salib li tinsab fil-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla li fiha naraw iż-żewġ anġli maħduma minn Vincenzo Bonnici. Fl-antik il-festa tas-Salib f'Bormla kienet issir bl-akbar sollennità dejjem fit-3 ta' Mejju fejn kienet issir ukoll purċissjoni madwar it-toroq ta' Bormla. Fil-preżent id-data tal-festa liturġika hija l-14 ta' Settembru.

Ix-xogħlijiet li għamel għall-knisja ta' Bormla huwa ftit ukoll. Dawn huma (1) żewġ kerubini adoraturi, li jiffiguraw l-Innoċenza u l-Virtù. Kienu saru fl-1854 mill-benefattur Carmelo Azzopardi, fratell tal-Fratellanza tal-Kurċifiss. Għalihom ħallas 533 skud. Fl-1858 kienu esebiti f'Wirja ta' l-Arti li nżammet fil-Bibljoteka tal-Belt. Kienu ġew mfaħħra ħafna għall-ġmiel u l-finezza fix-xogħol tagħhom.

Dawn iż-żewġ addoraturi flimkien ma' salib f'nofshom jiffurmaw il-vara tas-Salib, jew kif hi wkoll magħrufa b'"Ta' Santu Kruc". Kienu jintużaw għall-festa ta' l-Invenzjoni (is-Sejba) tas-Salib, li sa ftit snin ilu kienet issir fit-3 ta' Mejju mill-Fratellanza tal-Kurċifiss. Is-salib li naraw ġie mnaqqax fl-1882 fl-ebanu minn Mastru Pawlu tar-Rabat, fuq disinn ta' Aristide Bonnici. Qam 960 skud li tħallsu mill-ġbir u mill-promotur tiegħu Enrico Grech, fratell ieħor ta'

l-istess Fratellanza. Fis-seklu l-ieħor u għall-bidu tas-seklu tagħna kienu jagħmlu festa kbira, saħansitra kienu jarmaw it-triqat u jġibu l-baned.

Wara l-gwerra għamlu żmien sewwa jintramaw fis-Sepulkru, jew aħjar kif hu magħruf illum "l-Altar tar-Ripożizzjoni" fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira.

Naħseb li hu xieraq li jerġgħu jibdew jintramaw fil-knisja għall-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes li ssir f'Settembru, kif ukoll jistgħu jagħmlu parti mis-sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

(2) Żewġ anġli oħra, ħelwin ferm, ħadimhom fl-18588, għal mal-pavaljun il-kbir li taħtu ta' kull sena, titqiegħed il-vara tal-Kunċizzjoni fil-jiem tal-festa. Fl-1993 ġew restawrati minn Michael Camilleri Cauchi biex reġgħu ħadu l-ħajja u l-ġmiel li kellhom.

## Għeluq

L-iskultur Vincenzo Bonnici miet fid-dar tiegħu nru. 165 fi Triq il-Vitorja l-Isla, nhar is-Sibt, 12 ta' Awissu 1865, ftit xhur wara l-mewt ta' Tommas Madiona (7.4.1864) u ġie midfun fl-oqbra tal-knisja parrokkjali ta' l-Isla fejn 44 sena qabel kien tgħammed. L-Isla tilfet żewġ artisti fi żmien qasir.

Għalkemm ħajtu kienet qasira, hu ta sehem biżżejjed lill-arti skulturali reliġjuża Maltija biex ismu u xogħlijietu baqgħu ħajjin. Anzi isem Vincenzo Bonnici huwa wkoll imniżżel ma' persunaġġi oħra Sengleani magħrufa li kabbru l-istorja ta' l-Isla – il-Belt Qatt Mirbuħa.

## Bibljografija

i. Arkivji: 1) parroċċa, Isla, 2) parroċċa, Qormi San Ġorġ, 3) Patrijiet Dumnikani, il-Birgu.
ii. Reġistru Pubbliku, Valletta.
iii. Bonnici A., 'L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka – Santwarju Marija Bambina', 1991, Vol. III.
iv. Castagna P. P., 'Lis Storia ta' Malta bil Gzejjer Tahha', Malta 1888, it-tieni darba.
v. Ferris A., 'Descrizione storica delle Chiese di Malta e Gozo', 1866.
vi. Zammit N., 'L'Arte'.
vii. Blue Book.
viii. Malta Govt. Gazzette.
ix. Ġurnali, 'L'Ordine', 'Corriere Mercantile Maltese'.
x. Proċessi Appelli Qorti Ċivili, 1865.